MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Numru 61/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**RIAD EL MABROUK EL MASRI HAGI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Riad El Mabrouk El Masri Hagi, ta’ 27 sena, bin Mabrouk u Senia Abdel Wahab, imwieled Tripoli, nhar 26/03/1978, residenti fil-fond numru Angela Flat 1, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Passaport Libjan numru 487627 gie akkuzat:

Talli nhar it-22 ta’ Jannar 2006 ghall-habta sebgha ta’ filghaxija (1900hrs), gewwa Triq il-Gwiebi, San Pawl il-Bahar,

a) Talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC300 Alfred Abela, bhala persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li agixxa ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, ai termini tal-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta,
b) Ukoll talli ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ PC300 Alfred Abela skond ma ccertifika t-tabib Dr. Raymond Grixti (Reg No. 2405) MD, tad-Dipartiment tal-Kura Primarja.
c) Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PS935 Patrick Cassar, PC53, PC210 Salvatore La Grasta u PC300 Alfred Abela bhala ufficjali inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu ghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghom, jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz ai termini tal-artikolu 95, tal-Kodici Kriminali Kap 9, tal-Ligijiet ta’ Malta
d) Ukoll talli gewwa Triq il-Gwiebi, San Pawl il-Bahar attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, cioe’ PC300 Alfred Abela filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti
e) U aktar talli l-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika, b’ghajjat, u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi
f) Volontarjament hassar u/jew ghamel hsara fil-bieb ta’ barra tal-kommun ta’ Solair Apartment kif ukoll il-bieb ta’ barra tal-Flat numru 4 ta’ Solair Flat, Triq il-Gwiebi, San Pawl il-Bahar ghad-detriment ta’ Marion Lebrun.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 3 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fis-Seduta tallum iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut.

Rat l-artikoli 96, 221(1), 95, 338(dd), 338(bb), 342 u 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Riad El Mabrouk El Masri Hagi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li jiddispjacih dwar l-akkadut u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Riad El Mabrouk El Masri Hagi ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Riad El Mabrouk El Masri Hagi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Riad El Mabrouk El Masri Hagi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------